MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 323/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**
**vs**
**Jonathan Bugeja**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jonathan Bugeja ta' 32 sena iben Angelo u Josephine xebba Desira imwieled Attard nhar l-04 t'Ottubru 1978 u residenti "Arianne Flats" Flt 3 Triq il-Qaliet, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 464778(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Ottubru 2009, u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

1. Bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra

tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jhedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil, dik il-persuna jew persuna ohra cioe Blanch Cassar;

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina, jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, innegozja f'xi oggett stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ukoll jekk dan in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku;

4. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Blanch Cassar, b'mod li kien jaf, jew li kien imissu jkun jaf li b'eghmil kien ta' fastidju lill-istess persuna msemmija;

5. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe lil Blanch Cassar biza li ser issir vjolenza fuq persunitha jew il-propjeta' taghha;

6. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, uza xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawn l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Blanch Cassar u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Blanch Cassar u l-familja taghha, sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-qorti;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ Frar 2011 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta’ Settembru 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-28 ta’ Settembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li l-partijiet rrisolvew il-pendenzi ta’ bejniethom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 208(1)(2), 250(1)(2), 251A(1)(a)(b), 251B(1) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 39(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum fejn il-persuna protetta ghandha tkun Blanch Cassar u taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------